



Brussell, 18 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14861/25

LIMITE

CORLX 1027
CFSP/PESC 1568
RELEX 1387
COMET 83
COTER 185

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686
li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida
u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1686/oj>.

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/1686.
- (2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa minn ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, entitajiet u korpi assoċjati magħhom, jenħtieġ li tizzied entità waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1686.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1686 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1686, l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 3":

"8. Allied Democratic Forces."

